**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**Rosario Vidal**

**Kumpilazzjoni Numru: 327/12**

**Illum, 14 ta’ Jannar, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Rosario Vidal detentur tal-karta tal-identita` numru 795154M.

Akkuzat talli:

> F’dawn il-Gzejjer wat li kien fi Triq ix-Xitwa, Mosta, fid-9 ta’ Awwissu 2011, ghall-habta ta’ bejn it-3.00 p.m. u t-3.15 p.m. u fil-granet ta’ qabel, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` giref vettura FBS305 ta’ tip Toyota Yaris ghad-detriment ta’ Pauline Galea, liema hsara tammont ghal aktar minn €1,164.69.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jinstemghu minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq hsara volontarja u cioe` fuq allegat grif fuq karrozza.

Semghet ix-xhieda tal-parte civile **Pauline Galea** illi xehdet illi dak in-nhar tad-disgha (9) ta' Awwissu 201 hija kienet fil-gallarija tal-fond 6, Manisha, Triq x-Xitwa, Mosta, fejn rat lill-imputat Rosario Vidal li jigi l-gar taghha, jigref il-karrozza taghha tal-marka Toyota Yaris u bin-numru ta' registrazzjoni FBS305, li din kienet ipparkjata quddiem id-dar taghha.

Din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tifli sew il-filmat tas-CCTV mehud mill-abitazzjoni tal-parte civile fejn jidher bic-car ghal darba, darbtejn l-imputat Rosario Vidal; bl-uniformi tal-Arriva fejn kien jahdem; jigref il-karrozza tal-parte civile, ossia girfa twila fuq in-naha tal-passiggier u girfa ohra sussegwenti dejjem fuq in-naha tal-passiggier izda lejn wara ta' din il-karrozza.

Illi huwa veru kif issottomettiet id-difiza, li s-"surveyor" Philip Zammit fix-xhieda tieghu qal li l-grif kienu mad-dawra kollha tal-karrozza u l-parte civile qalet illi dawn kienu fuq in-naha tal-passiggier, izda dan ma jannullax il-prova inkonfutabbli illi sija l-parte civile rat ix-xena b'mod car u anke jidher car fl-istess filmat il-manuvra li kien qed jaghmel l-imputat. Irid jinghad ukoll illi l-

imputat gharaf lilu nnifsu fil-filmat meta kienet qeghda tittiehed l-istqarrija tieghu li giet esebita in atti.

Illi fattur iehor importanti huwa illi sija l-parte civile u anke l-imputat qalu li kwazi ma kienux jafu lil xulxin u ghalhekk il-verzjoni tal-parte civile wisq aktar tikseb importanza u veracita` stante li jidher li hija ma kellhiex il-bzonn li tivvinta storja sabiex forsi tpattiha lill-imputat fuq xi haga. Illi normalment fuq dawn it-tip ta' kawzi il-Qorti tista' facilment tistrieh fuq liema thoss li hija l-aktar verzjoni kredibbli izda f'dawn il-proceduri hemm ukoll il-beneficcju tal-filmat.

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti thoss li l-prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha oltre d-dubju dettat mill-ligi u ghalhekk filwaqt li rat l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib ill-imputat **Rosario Vidal** hati tal-akkuza kid dedotta kontrih u tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jigu sospizi ghal sena (1).

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**